# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 366/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**LB**

**U**

**IB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' LB u IB datat 7 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja ta' San Nikola ta' Bari gewwa s-Siggiewi nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) – certifikat taz-zwieg anness u markat Dok 'A';*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, LBB, li ghadha minorenni.*
>
> *Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat tnejn u ghoxin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) in atti tan-Nutar Dottor James Grech – kopja annessa u markata Dok 'B'.*
>
> *Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoin bejn il-partijiet.*
>
> *Inoltre, qed jigi kkonfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi ghalhek jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti LB u IB jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara z-zwieg taghhom bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien hekk akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-ligi;*

*U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkonsidrat:**

**LB xehdet** (vide affidavit fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-16 ta’ Mejju 2015 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt datat it-22 ta’ Ottubru 2020 fl-atti tan-Nutar Dr James Grech. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta’ manteniment bejn il-partijiet.

**IB xehed** (vide affidavit fol 16) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet LB.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Mejju 2015, liema zwieg jgib certifikat numru 1035/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illi ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr James Grech nhar it-22 ta' Ottubru 2020 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1035/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**